MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 561/2011

**Francis Bugeja**
**I.D. 620547(M)**

**Vs**

**Mary Grace u Martin Zammit**
**I.D. 436069M u I.D. 99268M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2011 fejn l-attrur talab illi konvenuti ghandhom jigu kkunddannati jhallas lill-attur s-somma ta' elfejn u disgha mitt Ewro (€2,900) liema somma hija ammont dovut minn bilanc akbar skond kuntratt datat 22 ta' Ottubru, 2009. Il-konvenuti tilfu l-beneficcju ta' terminu stante nuqqas ta' hlas fiz-zmien stipulat.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-kuntratt kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fil-5 ta’ Settembru, 2011 fejn il-konvenuti qalu li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li mhux minnu li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu minhabba nuqqas ta’ hlas fi zmien stipulat u dank if ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Illi kien l-istess attur li rrifjuta li jaccetta l-pagament lilu dovuti. Kif ukoll ghar-raguni li l-konvenuti gia jhallsu l-ammont ta’ elf u tmien mitt Ewro (€1,800) f’pagamenti mensili u ghalhekk kwalsiasi bilanc dovut huwa ferm anqas minn dak li qed jippretendi l-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal ra x-xhieda li tat Mary Grace Zammit fejn wara li kkonfermat l-iskrittura li tinsab a fol 24 tal-process, spjegat illi hija kellha thallas mitt Ewro (€100) fix-xahar izda xahar minnhom kienet ma niflahx u x-xahar ta’ wara ma marritx lanqasl. Hija xehdet illi t-tielet xahar qabez fi tlett ijiem u kienet marret b’ta xahrejn b’lura u cioe mitejn Ewro (€200) izda l-attur ma accettahomx u talabha ta’ sitt xhur. Hija kellmet lill-avukat taghha u baghatulu cekk ta’ tlett xhur biex ikopri ta’ Novembru ukoll.

Xehed ukoll l-attur Francis Bugeja li spjega l-iskrittura ta’ Jannar 2010 fejn il-konvenuta kellha thallas fix-xahar l-ammont ta’ mitt Ewro (€100). Huwa spjega illi minn Jannar 2010 sa Awissu 2010 dejjem hallset izda f’Settembru u Ottubru l-konvenuta ma gietx bil-flus. Huwa qal illi ma kinux tlett ijiem wara li beda Novembru izda l-konvenuta kienet marret fil-5 ta’ Novembru, 2010. Huwa ma accettax il-kera peress illi ghalih il-ftehim kien inkiser. Filfatt huwa la sarraf ic-cekk ta’ tlett mitt ewro data 15 ta’ Novembru, 2010 kopja tieghu prezentata a fol 23 tal-process u lanqas sarraf ic-cekk ta’ kull xahar sussegwenti fl-ammont ta’ mitt Ewro (€100) kopja ta dawn ic-cekkijiet

ipprezentati a fol 18 sa fol 21. Dawn ic-cekkijiet juru l-ammont ta’ mitt Ewro (€100) ghax-xhur Dicembru 2010 sa Jannar 2012 hlief ghax-xahar ta’ Frar 2011. Biex hekk il-konvenuta kienet offriet is-somma ta’ elf u sitt mitt Ewro (€1,600) f’cekkijiet liema cekkijiet baqghu mhux imsarrfa.

Meta l-attur in kontro ezami gie mistoqsi ghaliex ma sarrafx ic-cekk ta’tliet mitt Ewro (€300) huwa rrisponda ‘ghax ma ridtx naqa ghall-provokazzjoni.’

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal- attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikat bl-Avviz, huma pprezentaw risposta fit-terminu preskritt mill-Ligi. B’dan pero deher naqsu milli jidhru ghas-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2012.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-24 ta’ Otturbu, 2012 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanza tal-kaz, it-Tribunal jiddecidi illi :

Jilqa’ it-talba attrici peress illi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u stante illi kienet il-konvenuta stess flimkien mad-dokumenti pprezentati li kkonfermat l-ammonti mhallsa u dawk dovuti, u jikkundanna u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma globali ta’ elfejn u disgha mitt Ewro (€2,900). Flimkien ma din is-somma ghandu jithallas imghax fuq l-ammont ta’ elf u tlett mitt Ewro (€1,300) minn Jannar 2012 liema somma ilha dovuta minn Frar 2012 liema somma ma gietx ipprezentata u lanqas mibghuta permezz ta’ cekkijiet mensili lill-attur mentri fix-xhur ta’ qabel l-attur kien ircieva l-ammont kull xahar permezz ta’ cekk li baqa sarrafx.

L-ispejjez tal-kawza jkunu tlett kwarti a karigu tal-attur u kwart a karigu tal- konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------